MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 11/2006

**Mary Camilleri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Mejju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni appellata.

Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur.

Sema' t-trattazzjoni tal-kaz.

Ikkunsidra:

Illi dan l-appell jirrigwarda decizjoni tad-Dipartiment li jwaqqaf il-hlas tal-Ghajnuna Socjali li kienet qed tircievi l-appellanti u dan b' effett mit-8 ta' Otturbu 2005. Ghalkemm id-Direttur annetta wkoll decizjoni ohra datata 10 ta' Ottubru 2005 fejn qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' Lm3,257.22, ma jirrizultax li l-appell odjern jirrigwarda din l-ahhar decizjoni. Stante li jista' jkun il-kaz li l-appellanti ma gietx notifikata b' tali decizjoni l-Arbitru qed jordna li hija tigi notifikata formalment b' din id-decizjoni sabiex hija tinghata l-fakulta` li tappella jekk jidhrilha li huwa l-kaz li taghmel dan.

In kwantu jirrigwarda d-decizjoni li titwaqqaf l-Ghajnuna Socjali rrizulta li din id-decizjoni ttiehdet wara li d-Dipartiment ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti ma ddisponitx mill-kapital sabiex tkun tista' tkompli tikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali u dan tenut kont li r-rizorsi kapitali taghha kienu jeccedu l-limitu ta' Lm6000.00 stabbiliti mill-ligi sabiex persuna wahidha tkun tista' tibbenefika mill-imsemmi beneficcju.

Mill-atti rrizulta li l-appellanti kienet wirtet proprjeta` immobiljari konsistenti f' hanut bl-isem ta' Marina Jewellers li kien jinsab San Pawl il-Bahar u li fis-7 ta' Jannar 2004 hija bieghet tali proprjeta` lil terzi ghal prezz ta' Lm15,000,00. Sussegwentement hija tat is-somma ta' Lm14,000.00 lin-neputijiet taghha Roger Camilleri u Judith Psaila. Permezz ta' affidavit datat 12 ta' Marzu 2004 Judith Psaila u Roger Camilleri ddikjaraw li l-appellanti kienet ghadditilhom dawn il-flus peress li kienet ix-xewqa taz-zija taghhom Guzeppa Camilleri "li halliet dan il-post fit-testment taghha".

L-Arbitru hija tal-fehma li tali spjegazzjoni ma tistax tigi accettata ghaliex il-fond in kwistjoni jirrizulta li thalla minn Guzeppa Camilleri lill-appellanti b' titolu ta' prelegat. Li kieku t-testatrici xtaqet li thalli l-imsemmi fond lil Judith Psaila u lil Roger Camilleri, jew altrimenti li kieku hija xtaqet li una volta li l-fond jinbiegh ir-rikavat kellu jithallas

lill-imsemmija Psaila u Camilleri, hija certament li kienet tindika dawn ix-xewqat fit-testment taghha, haga li jirrizulta li hija m’ ghamlitx.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata konfermata.”

Ir-rikorrenti Mary Camilleri hassitha aggravata b' din id-decizjoni ta' l-Arbitru u appellat minnha. Hi tippretendi li l-vera intenzjoni tat-testatrici Giuseppa Camilleri ma kienetx dik indikata fit-testment taghha tas-17 ta' Gunju 1978 imma li l-fond imholli lilha bi prelegat jghaddi lin-neputijiet taghha u mhux lilha. F' dan, tistrieh fuq ix-xhieda ta' l-istess neputijiet taghha u tan-nuqqas ta' prova kuntrarja li tattakka l-kredibilita` tal-versjoni taghhom. B' ilment iehor tikkontendi illi d-Direttur appellat ma kienx gust li meta kien jaf b' dan il-fatt u bil-bejgh tal-fond issokta jipprovdilha l-ghajnuna socjali biex imbaghad iwaqqafilha;

L-argoment principali ta' l-appellanti minn dan dedott jidher li jikkonsisti fl-osservazzjoni illi l-Arbitru kellu jaccetta l-ispjegazzjoni taghha u dik tan-neputijiet taghha ghax din hi konformi ghall-verita` u allura l-kwestjoni kienet essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur ta' din l-istess verita` u dik tal-kredibilita` li kellha tigi akkordata lix-xhieda tan-neputijiet taghha. L-appellanti jidhrilha li dan l-argument taghha hu msahhah mill-fatt illi l-appellat ma ressaq ebda prova kuntrarja biex jipparalizza dik il-verita` u kredibilita`;

Bir-rispett kollu ghall-Qorti dan l-argoment ma jistax iregi. Dan fuq tliet livelli, ossija (i) il-piz probatorju, (ii) il-valutazzjoni tal-provi u, fuq kollox, (iii) il-principju tad-dritt;

Fl-ewwel lok, il-piz probatorju jibqa' fuq l-appellanti mill-bidu sa l-ahhar. Hi kellha tipprova, u tikkonvinci wkoll, illi l-versjoni taghha hi dik legittima u wahda kapaci li ssostni l-fundament ta' l-assunt taghha illi dak li wettqet man-neputijiet taghha kien jirrispekkja l-volonta` tat-testatrici li

minn ghandha rceviet l-fond bi prelegat. In-nuqqas ta' prova kuntrarja mill-appellat ma kienetx tiddispensaha minn dan l-oneru. Jigi osservat imbaghad illi l-appellat ma kkontrappona ebda difiza artikolata fuq fatti diversi. Huwa invece llimita ruhu ghal kunsiderazzjoni kostitwit bit-testment u ghall-prova accertata illi r-rikavat mill-bejgh tal-fond devolut lill-appellanti ghadda fl-intier tieghu lin-neputijiet;

Dan premess, ikollu jinghad ukoll illi din il-Qorti mhix tant perswasa mill-allegazzjoni dedotta illi dak li sehh bejn l-appellanti u n-neputijiet sar bl-animu li jissodisfa x-xewqa tat-testatrici. Fl-atti jezistu zewg Affidavits tan-neputijiet Judy Psaila u Roger Camilleri, it-tnejn datati 12 ta' Marzu 2004. F' wiehed jinghad li huma qassmu bejniethom ir-rikavat ghaliex it-testatrici kienet debitrici taghhom "f' somma ekwivalenti jew aktar" u hi riedet li dan id-debitu jigi sodisfatt proprju mill-bejgh tal-post imholli lill-appellanti. Jigi notat illi din il-prova tad-dejn mhux biss ma saretx imma wkoll dwarha ma nsibu ebda menzjoni fir-rikors ta' l-appell. Intant, fl-Affidavit l-iehor, dawn l-istess neputijiet illimitaw ruhhom biex jistqarru illi huma hadu s-somma realizzata mill-bejgh tal-fond "peress li kienet ix-xewqa taz-zija taghna Giuseppa Camilleri li halliet dan il-post fit-testment taghha". Fl-ebda waqt ta' dan l-Affidavit ma ssir riferenza ghad-dejn li din zijithom, kif allegat, kellha maghhom. Ghal din il-Qorti, mill-komparazzjoni ta' l-Affidavits, dan il-kuntrast jew nuqqas ta' konsistenza ma jistax jitqies attendibbli u idoneju ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha u jkollu jinghad ukoll illi ma ssibx li l-versjoni supplita hi sufficjentement assodanti biex tikkontrapponi ruhha fuq dan il-punt ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza appellata;

Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni tat-tielet livell relattiv ghall-principji tad-dritt in materja ta' testmenti u ta' l-interpretazzjoni taghhom;

Hu pacifikament konkordat illi "*in fatto di testmenti è la legittima volonta` del testatore la suprema legge da seguire*" (**Kollez. Vol. IX pagna 558**). Komplimentari ma' dan hu ugwalment ritenut illi "l-intenzjoni tat-testatur ghandha tingibed mid-disposizzjonijiet ta' l-istess testment, konfrontata anki mad-diposizzjonijiet ohra tieghu, precedenti jew sussegwenti, u mhux minn materja estraneja ghat-testment" (**Kollez. Vol. XXXII P I p 178** u **Vol. XXVIII P I p 117**);

Fil-kaz prezenti l-interpretazzjoni tat-testment ta' Giuseppa Camilleri ma jaghti lok ghall-ebda ambigwita. Hi riedet thalli l-fond bi prelegat lill-appellanti u mhux ukoll lin-neputijiet taghha, li fil-mument li sar it-testment, kif sostenut mill-istess appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha, lanqas kienu ghadhom biss twieldu. Kieku tabilhaqq ix-xewqa tad-defunta kienet dik kif konteza mill-appellanti dan kienet hemm tesprimieh b' testment sussegwenti. La dan ma ghamlitux ghandu jkun prezunt illi l-vera volonta` legittima tat-testatrici kienet dik espressa fit-testment taghha tas-17 ta' Gunju 1978. Il-fatt li l-appellanti u x-xhieda taghha jsostnu xort' ohra ma jbiddelx il-kliem tat-testment u lanqas l-intenzjoni manifesta tat-testatrici;

Ma jkunx inopportun li jigi mfakkar illi in linea ta' principju l-gurisprudenza tammetti li fl-interpretazzjoni ta' testmenti huma applikabbli r-regoli ta' l-ermenewtika dettati mill-Kodici Civili ghall-kuntratti. *In primis* ghalhekk meta d-disposizzjoni testamentarja hi cara ghandha tircievi l-ezekuzzjoni taghha bhala dik li ried it-testatur u mhux minn fatti estrinsici. Fis-sistema probatorja taghna jvigi l-principju li mhux ammissibbli l-provi testimonjali kontra jew b' aggunta tal-kontenut tal-miktub (ara **Kollez. Vol. XXXI P I p 441**). Huwa minnu li huma permessi eccezzjonijiet ghal din ir-regola (ara **Vol. XXXIX P III p 255**). Dawn f' dan il-kaz ma japplikawx ghaliex l-iskop ricerkat mill-appellanti mhux dik li tikkjarifika xi oskurita fid-disposizzjoni testamentarja u b' hekk tirrendi palesi l-intenzjoni tat-testatrici izda dijametrikalment in

kontradizzjoni ghaliha. Dan ma jidherx li hu guridikament accettabbli;

Fermi dawn ir-riflessjonijiet, ma jidherx li hu l-kaz li l-Qorti tiddilunga izzejjed fuq it-tieni ilment. Huwa accertat illi b' rizultat tal-bejgh tal-fond l-appellanti kellha ghad-disposizzoni taghha fondi sufficcjenti ghal htigijiet taghha u f' ammont li kien jissupera l-massimu stabbilit mil-ligi (Kapitolu 318) ghal kwalifika, jew issoktar ta' recezzjoni, tal-Ghajnuna Socjali. Huwa immaterjali jekk id-Direttur appellat messu ha azzjoni aktar tempestiva. Il-fatt jibqa' li l-appellat kien fid-dover li jhares il-ligi u japplikaha. Dan f' kull zmien.

Finalment din il-Qorti ma ssibx gustifikativa l-lanjanza ta' l-appellanti li fil-prezenti hi destitwita minn mezzi ekonomici ghas-sussistenza taghha. Certament ma jistax jitqies lecitu illi persuna tizvesti ruhha ghal kollox mill-mezzi proprji biex ikollha bazi, socjali u legali, ghas-sostenn fil-pretensjoni taghha ghall-ghajnuna mill-fondi tal-kollettiv.

Ghal dawn il-motivi kollha l-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------